**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur John Sacco**
**v**

## DENISE BUHAGIAR

**Illum, 26 ta' Marzu, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **DENISE BUHAGIAR** ta' sitta w ghoxrin sena mart Dennis, bint Philip Vassallo u Mary nee Buhagiar imwielda Pieta fl-erbatax ta' Lulju, 1974 u residenti 23, 'Dennis & Denise', Triq Bice Mizzi Vassallo, Santa Lucia, detentura tal-karta tal-identita numru 370774M giet imressaqa quddiemha akkuzata talli f'dawn l-ahhar sittax il-xahar gewwa dawn il-Gzejjer, ghaddiet passaport Awstraljan bin-numru J-2080901 li gie mahrug lil Dennis Buhagiar minn Santa Lucia, lil Brian Vella mill-Hamrun u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet uzu jew ittantat

taghmel uzu mill-istess passaport Awstraljan bin-numru J-2080901 mahrug lil Dennis Buhagiar minn Santa Lucia.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2001, esibit fl-atti w immarkat bhala dokument CSH 2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-ezami li sar fit-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2001 quddiem din l-istess Qorti.

Rat l-fedina penali tal-imputata u cioe d-dokument CSH 3 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputata nstabet hatja ta' reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fl-erbgha ta' Frar, 1998.

Rat l-istqarrija esibita fl-atti processwali immarkata bhala dokument CSH 1 li l-istess imputata rrilaxxjat lil Pulizija Ezekuttiva b'mod voluntarju fit-tlettax ta' April, 2000 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputata kkoperat bis-shih mal-Prosekuzzjoni fl-investigazzjoni li kienet qed ssir dwar Brian Vella.

Il-Qorti thoss li ghalkemm l-imputata ghandha kondotta relattivament nadifa, xorta b'dak li ghamlet kienet qed tghin sabiex

Brian Vella jahrab mill-Gustizzja ta' Malta, li fil-fehma ta' din il-Qorti, hija haga serja hafna u ma hiex ser tittollera dan l-agir hekk perikoluz.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-gravita tal-kaz, il-Qorti thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja pero minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, u cioe li ghenet lil Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha, il-fatt li rregistrat ammissjoni fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk iffrankat l-hin lil Qorti u spejjes pubblici, il-fatt li l-fedina penali taghha hija relattivament nadifa, thoss li piena karcerarja ghandha tkun sospiza ai termini tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputata DENISE BUHAGIAR hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha, tikkundannha ghal piena karcerarja ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn komplesivament ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bl-**

**applikazzjoni wkoll tal-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat t-tifsira ta' din s-sentenza lil imputata u x'jigri f'kaz li tonqos li tosservha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**